# ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
# RIĊERKA, INNOVAZZJONI U TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA

**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**

**It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

## L-Eżamijiet ta' Nofs is-Sena għall-Iskejjel Primarji 2018

| Il-Karta Alternattiva 2 | Il-MALTI<br>(Il-Fehim mill-Qari u l-Kitba) | Il-Ħin: Siegħa u kwart |
|---|---|---|

**L-isem u l-kunjom: ______________________________ Il-klassi: __________**

| Il-Marki | |
|---|---|
| Il-Fehim mill-Qari | Il-Kitba |
| ______<br>20 marka | ______<br>40 marka |

**Aqra sew dan li ġej:**

- Ikteb ismek u kunjomok, u l-isem tal-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn. Imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li tkun ħallejt barra.

A: Aqra dan l-avviż li deher fuq il-bord tal-Kunsill Lokali ta’ San Ġiljan.

L-Għaqda Wirt Malti tistiednek għal:

# Wirja dwar it-Trasport bil-Baħar mill-Imgħoddi sal-Lum



Fejn: Is-Sala Parrokkjali ta’ San Ġiljan

Meta: Is-Sibt 3 ta’ Marzu 2018

Il-Ħadd 4 ta’ Marzu 2018

Ħinijiet tal-Ftuħ: Is-Sibt: Mis-6.00pm-9.00pm

Il-Ħadd: Mill-10.00am-1.00pm

Mis-6.00pm-9.00pm

X’se tara: Ritratti, pitturi, u mudelli ta’ dgħajjes





Il-wirja se tinfetaħ mis-Sindku, is-Sur Alan Sant.

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-avviż li qrajt.**

**1. Agħmel ✓ fil-kaxxa t-tajba biex turi hux veru jew falz.** (4 marki)

| | Veru | Falz |
|---|---|---|
| a. Il-wirja se tkun dwar it-trasport bl-ajru, fuq l-art u bil-baħar. | | |
| b. Il-wirja se tkun f'San Ġiljan. | | |
| ċ. Il-Ħadd il-wirja tkun miftuħa biss filgħodu. | | |
| d. Il-wirja se tinfetaħ mill-President tal-Għaqda Wirt Malti. | | |

**2. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa.** (3 marki)

| | | |
|---|---|---|
| a. Il-wirja se tkun | | fis-Sala taċ-Ċentru Ċiviku. |
| | | fis-Sala tal-Każin San Pawl. |
| | | fis-Sala Parrokkjali. |
| b. Fil-wirja tista' tara | | films ta' vapuri. |
| | | mudelli ta' dgħajjes. |
| | | magni ta' dgħajjes. |
| ċ. Il-wirja se tinfetaħ | | mis-Sur Adam Said. |
| | | mis-Sur Alan Sant. |
| | | mis-Sur Aldo Sammut. |

**3. Imla l-vojt bil-kliem it-tajjeb.** (3 marki)

L-Għaqda ____________ Malti se ttella' wirja fix-xahar ta' ____________.

F'din il-wirja se jkun hemm affarijiet mill-imgħoddi sal-____________.

**B. Aqra l-informazzjoni u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

## L-Ewwel Parti

Marco Polo twieled ħafna snin ilu fil-belt ta' Venezja, ġewwa l-Italja. Ommu mietet t'età żgħira u Marco trabba maz-zijiet tiegħu. Ta' sbatax-il sena, Marco baħħar ma' missieru u zijuh lejn iċ-Ċina. Il-vjaġġ dam sejjer ħafna snin. Malli ma setgħux ikomplu l-vjaġġ bil-baħar, komplewh bil-mixi. Għaddew minn qalb muntanji u widien u qasmu d-deżert Gobi. **(par. 1)**

**1. Agħmel ✓ fil-kaxxa t-tajba biex turi hux veru jew falz.** (3 marki)

| | Veru | Falz |
|---|---|---|
| a. Marco Polo twieled fid-deżert Gobi. | | |
| b. Marco Polo trabba man-nanniet. | | |
| ċ. Il-vjaġġ saċ-Ċina sar bl-art u bil-baħar. | | |

## It-Tieni Parti



L-Imperatur taċ-Ċina laqa' lil Marco u lil qrabatu fil-palazz tiegħu. Marco kien kiber u sar żagħżugħ intelliġenti. Għalhekk l-Imperatur tah xogħol importanti. Kemm dam iċ-Ċina, Marco daq ikel differenti, ra postijiet ġodda u tgħallem ħafna lingwi. Wara ħafna snin Marco u l-familja tiegħu ddeċidew li jmorru lura lejn pajjiżhom. Huma ħadu magħhom ħafna teżori u ġawhar prezzjuż. **(par. 2)**

**2. Agħmel ✓ fil-kaxxa t-tajba.** (4 marki)

| | | |
|---|---|---|
| a. Minflok il-kelma **qrabatu,** nistgħu ngħidu | | l-ħbieb tiegħu. |
| | | l-ġirien tiegħu. |
| | | l-familja tiegħu. |

| | | |
|---|---|---|
| b. L-Imperatur taċ-Ċina laqa' lil Marco Polo u lil qrabatu | | fil-lukanda tiegħu. |
| | | fid-dar tiegħu. |
| | | fil-palazz tiegħu. |

| | | |
|---|---|---|
| ċ. Waqt li kien iċ-Ċina, Marco Polo tgħallem | | lingwi differenti. |
| | | isajjar ikel Ċiniż. |
| | | snajja' ġodda. |

| | | |
|---|---|---|
| d. Lura lejn Venezja, Marco Polo u qrabatu ħadu magħhom ħafna | | kotba. |
| | | ġawhar. |
| | | żraben. |

## It-Tielet Parti

Malli wasal f'pajjiżu, Marco ġie arrestat waqt gwerra bejn Venezja u Ġenova. Meta kien il-ħabs irrakkonta l-vjaġġi tiegħu lil kittieb li ħareġ ktieb dwarhom. Meta ħareġ mill-ħabs, Marco żżewweġ u kellu tlitt ibniet. Marco Polo miet fl-età ta' 69 sena. Il-ktieb dwar il-vjaġġi ta' Marco Polo żgur ħajjar nies oħra bħal Kristoforu Kolombu biex ikomplu jduru u jiskopru l-meravilji tad-dinja li ngħixu fiha. **(par. 3)**

**Wieġeb:**

3. Xi ġralu Marco Polo ftit wara li wasal lura pajjiżu? (marka)

________________________________________________________

4. Kemm kellu tfal Marco Polo? (marka)

________________________________________________________

5. Lil min ħajru l-vjaġġi ta' Marco Polo biex ikompli jdur u jiskopri d-dinja? (marka)

________________________________________________________



IL-KITBA

## A. IL-GRAMMATIKA

### 1. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba mill-ġenb. (2 marki)

| | | |
|---|---|---|
| **Eżempju:**  | It-tifla **taqra** ktieb sabiħ. | torqod/ taqra |
| a.  | Aldo dejjem ____________ l-iskola. | jaħsel/ jiġri |
| b.  | Martina sikwit _____________ bix-xejn. | tidħak / tiekol |

### 2. Imla l-vojt b'partiċella bħal fl-eżempju. (2 marki)

| | |
|---|---|
| **Eżempju:**  | L-għalliema ġiet **bin-nuċċali** l-aħmar. |
| a.  | Il-ballun jaħbat ____________ħajt. |
| b.  | Il-qamar narawh ____________sema. |
| ċ.  | Ix-xugaman ____________baħar kien ___________basket. |

**3. Aqta' linja taħt it-tajba.** (3 marki)

| | | |
|---|---|---|
| **Eżempju:**  | Iqassam l-ittri. | **<u>pustier</u>**/għalliem |
| a.  | Isewwi l-karozzi. | mekkanik/għalliem |
| b.  | Ipitter pittura. | kennies/pittur |
| ċ.  | Tkanta kanzunetta. | bennejja/kantanta |

**4. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba.** (3 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| twal | kalm | ġdid | ~~nadifa~~ |

| | |
|---|---|
| **Eżempju:**  | art **<u>nadifa</u>** |
| a.  | baħar ______________________ |
| b.  | widnejn ______________________ |
| ċ.  | sufan ______________________ |

**5. Ikteb x'inti tara fl-istampa bħal fl-eżempju u żid l-artiklu ma' kull kelma.**

(10 marki)

| | |
|---|---|
| **Eżempju:**  | <u>**Il-mera**</u> kienet tleqq. |

a.  ______________________ qed tgħum fl-akkwarju.

b.  ______________________ tal-futbol kien ġdid fjamant.

c.  ______________________ kienet fuq il-mejda.

d.  ______________________ se jċempel lil martu.

e.  ______________________ kien qed jaqbad ġmielu.

**B. Ikteb erba' oġġetti li hemm fl-istampa u mmarkahom bi vleġġa.**

**Ara l-eżempju.** (4 marki)



**Ċ. Il-Kitba ta' djalogu.** (4 marki)

Karl mar f'ħanut tar-roti biex jixtri rota lit-tifel tiegħu. Ikteb x'qal Karl lill-bejjiegħ billi tkompli d-djalogu.

**Kompli dan id-djalogu li kellhom bejniethom.**

| | |
|---|---|
| Bejjiegħ | Il-jum it-tajjeb. Fiex nista' naqdik? |
| Karl | ______________________________. |
| Bejjiegħ | Tridha b'żewġ roti jew bi tlieta? |
| Karl | ______________________________. |
| Bejjiegħ | Għandi waħda blu u oħra ħadra. Liema tixtieq? |
| Karl | ______________________________. |
| Bejjiegħ | Tajjeb. Hawn hi r-rota li xtaqt. Tista' tmur tħallas lill-kaxxiera mal-bank. |
| Karl | Grazzi. |



## D. Il-kitba ta' storja qasira.

**Ħares lejn l-istampa u ikteb ftit sentenzi dwarha. Ikteb bejn 40 u 60 kelma.**

**<u>Ġurnata fil-kampanja</u>**

Kif kien it-temp?

Fejn mar it-tifel?

X'ħa miegħu?

Lil min ħa miegħu?

Qabad ħut?

Fejn poġġieh?



**Dan il-kliem jista' jkun ta' għajnuna:**

| | | |
|---|---|---|
| bnazzi | xemx | baħar |
| kappell | barmil | qasba |
| qattus | jistad | ħut |

**1. IL-PJAN** (2 marki)

2. **Uża l-pjan tiegħek biex tikteb l-istorja.** (10 marki)